MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2012

Rikors Numru. 403/2011

A B
vs
C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewwgu fit-12 t'Awwissu,1990 fil-Knisja tal-Immakulata Kuncizzjoni, f'Saint Andrews, limiti ta' Birkirkara (Dok A anness) u minn dan iz-zwieg kellhom tifel li jismu Jurgen Pierre u llum ghandu ghoxrin (20) sena;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Dr.Rachel Busuttil fil-25 t'Ottubru, 2007 (Dok B anness);

Illi ma jezisti ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom minhabba illi ilhom snin twal mifrudin u jghixu

hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra l-esponent ghandu rabta ma' persuna ohra/ familja gdida;

Illi fir-rigward tal-manteniment, l-esponent dejjem attwa dak li obbliga ruhu li jaghmel skont l-artiklu 7 tal-kuntratt ta'separazzjoni fuq imsemmi u hawn anness;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artiklu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta'Malta;

Talab illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u;

2.Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza' lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Dicembru, 2011;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ipprezentatx risposta;

Rat ix-xiehda bl-affidavit tar-rikorrenti;

Semghet ix-xiehda ta' l-intimata;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u l-atti kollha;

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 c u 66 D tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-kundizzjonijiet mehtiega mill-Ligi ghad-divorzju gew sodisfatti peress illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ippubblikat fil-25 ta' Ottubru 2007 u li sa minn qabel id-data meta gie ippubblikat dan il-kuntratt

ghixu separati minn ma xulxin wara li r-rikorrenti telaq mid-dar matrimojali f'Marzu 2006;

Illi Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u rat ukoll illi irrizulta mill-provi illi l-partijiet ghandhom tifel li illum il-gurnata huwa maggorenni u illi r-rikorrenti dejjem hallas il-manteniment dovut lill-intimata regolarment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------